26 ta' Novembru, 1951

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

A.I.C. Eric A. Mamo *versus* Pupul Fenech

**Perit — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Sekwestru — Art. 2243, 2255 (c) u 2265 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ta' perit għall-ħlas ta' l-onorarju lilu dovut għax-xogħol tiegħu professjonali hija dik ta' sentejn; li jibdew jgħaddu minn meta huwa jkun lesta x-xogħol tiegħu.*

*Huwa veru li l-otteniment ta' mandat ta' sekwestru huwa att interruttiv tal-preskrizzjoni; imma biex tavvera ruħha din l-interruzzjoni, hemm bżonn li dak is-sekwestru jkun ġie ottenut qabel ma skada t-terminu preskrizzjonali.*

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjonijiet qosra, fis-sistema tal-Kodiċi Tagħna, hija ammissibili anki wara li d-debitur ikun iddefenda ruħu biċ-ċaħda ta' l-obbligazzjoni.*

*Min jallega l-interruzzjoni għandu fuqu l-piż tal-prova ta' dik l-interruzzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biha l-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' £20. 16. 0, import ta' onorarji professjonali; kwantu għal £8. 16. 0 għall-miżurazzjoni ta' xogħlijiet eżegwiti fil-fond nru. 16 Cassar Street, Mosta, u kwantu għal £12 għall-miżurazzjoni ta' xogħlijiet eżegwiti fil-fond nri. 121/123 Eucharistic Congress Street, Mosta. Bl-interessi u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tas-sekwestru kawtelatorju tas-16 ta' Ottubru 1950, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-15 ta' Mejju 1951, li biha dik il-Qorti ċaħdet it-talba, bl-ispejjeż kontra l-attur, kwante volte, żmien għaxart ijiem minn dak in-nhar tas-sentenza, il-konvenut jaħlef f'idejn ir-Reġistratur fit-ter-

mini ta' l-art. 2265 (1) Kap. 23; u ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u laqgħet it-talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, kwante volte ma jaħlifx fit-terminu fuq indikat fiż-żmien lilu prefiss; billi kkunsidrat;

"Ex concessis" ix-xogħol professjonali, li tiegħu l-attur qiegħed jirreklama l-onorarju sar, kwantu għal fond wieħed fl-20 ta' April 1948, u kwantu għall-fond l-ieħor fit-2 ta' Ottubru 1948 (ara nota fol. 15);

Minn dak in-nhar seta' jeżerċita l-azzjoni tiegħu, u għalhekk minn dawk id-dati rispettivament għandha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni (art. 2243 Kap. 23);

L-azzjoni preżenti ġiet eżerċitata fit-23 ta' Ottubru 1950, meta l-bijennju kien għalaq għar-rigward taż-żewġ prestazzjonijiet. Veru li fis-16 ta' Ottubru 1950 l-attur għamel sekwestru, u li dana, bħala att ġudizzjarju, jekk magħmul fit-terminu preskrizzjonali, jinterrompieh; imma, meta sar dan, il-preskrizzjoni kienet ġà għalqet;

Ebda att interruttiv ieħor ma ġie pruvat; u ma jirriżulta minn ebda rikonoxximent tad-debitu b'effett interruttiv;

Lanqas jirriżulta li kien hemm ebda kawżali ta' sospensjoni tal-mixi tal-preskrizzjoni; għaliex l-onorarju ta' l-attur għax-xogħol tiegħu professjonali ma kienx jiddependi millħlas tas-sidien lill-konvenut;

Hemm lok, però, għall-impożizzjoni tal-ġurament imsemmi fl-art. 2265 Kap. 23;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni ta' l-attur, li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tal-15 ta' Mejju 1951, u l-laqgħa tat-talba tiegħu; blispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

*Omissis;*

Illi l-azzjoni ta' l-arkitetti għall-ħlas ta' l-onorarji tagħhom tippreskrivi ruħha f'sentejn, u tibda minn meta jkunu saru l-prestazzjonijiet tagħhom (art. 2255 (e), 2256 (1), Kodiċi Ċivili). Dan ifisser li fil-każ ta' l-attur it-terminu tal-preskrizzjoni beda mhux aktar tard mit-2 ta' Ottubru 1948, kwan-

tu għal wieħed mill-fondi, u mhux aktar tard mill-20 ta' April 1948 kwantu għall-fond l-ieħor;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jippretendi li mhix ammissibili l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni wara li l-konvenut iddefenda ruħu biċ-ċaħda ta' l-obligazzjoni per mezz ta' l-eċċezzjoni fil-fol. 5 tal-proċess. Iżda dan mhux korrett; għax fis-sistema tal-Kodiċi Tagħna l-preskrizzjoni qasira hija eċċepibili wkoll wara ċ-ċaħda ta' l-obligazzjoni, kif jidher mill-formola tal-ġurament kontemplat fl-art. 2265 (1) tal-Kodiċi, fejn il-konvenut hu ammess li jaħlef li mhuwiex debitur (ara sent. P.A. tal-25 ta' Novembru 1931 in re "Saċ. Salv. Grixti ne. vs. Dr. Louis Galea ne.", u sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Frar 1932 in re "Amadeo Wismayer vs. Ugo Naudi", u l-awtoritajiet hemm imsemmija);

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jgħid li f'Ottubru 1948, meta ta l-kont lill-konvenut biex dana jitħallas minn għand is-sid, il-konvenut qallu li meta jir anġa ma' Francesco Fenech huwa jarah (fol. 38), u b'hekk jippretendi li nterrompa l-preskrizzjoni. Iżda, apparti l-ekwivoċità tal-kliem, l-attur ma għarafx jgħid id-data ta' dik l-okkażjoni, u speċjalment jekk kienx qabel is-16 ta' Ottubru jew wara, għall finijiet ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni; u dana peress li fis-16 ta' Ottubru 1950 l-attur ħa mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut. U min jallega l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni għandu fuqu l-piż tal-prova (ara sent. ta' din il-Qorti tat-8 ta' Marzu 1872 in re "Dimech vs. Attard", Kollez. VI, p. 140). U fis-16 ta' Ottubru 1950, meta sar dak is-sekwestru, il-preskrizzjoni kienet ġà għalqet;

Ikkunsidrat;

Illi, eskluża l-figura tal-mandat fir-rapporti ta' bejn il-partijiet, xejn ma jiswa li l-attur daħħal is-sehem ta' sid il-bini f'Marzu 1949; għax ladarba tonqos is-solidarjetà, il-ħlas li għamel sid il-bini ma setax jippreġudika lill-konvenut billi jinterrompi l-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in kwistjoni ma kien hemm ebda impediment li kien jissospendi l-kors tat-terminu tal-preskrizzjoni, għax ma kien hemm ebda ftehim li l-konvenut kellu jħallas lill-attur meta l-konvenut jitħallas mis-sid tal-bini; anzi l-konvenut

ma għamel ebda ftehim konkret, u d-diskors li l-attur semma li l-konvenut qallu, *meta tah* il-kont, ċertament ma seta' qatt ikollu l-effett li jissospendi l-preskrizzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, tiċħad l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; iżda tordna li t-terminu għall-ġurament impost fis-sentenza appellata jibda mil-lum.